# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn erbgha u ghoxrin (24) taʼ April 2017**

**Rikors Numru 110/12 FDP**

**Kenneth Pullicino (ID 497571M), ezercjenti l-kummerc taht l-isem Kenneth Hardward Stores**

**vs**

**Ramon Anastasi (ID 580485M), ezercjenti l-kummerc taht l-isem IT Works Group u, permezz ta' digriet datat 22 ta' Frar 2013, giet kjamata in kawza s-socjeta Market Handle Limited**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat mir-rikorrent fis 27 ta' Marzu 2012 fejn talab lill-dina l-Qorti tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u disgha u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€10,689.45) rappresentanti invoices ghal diversi "hardware products" li inxtraw minghand ir-rikorrent mill-intimat imma qatt imhallsa.

Bl-ispejjez u bl-imghax mit 2 ta' Gunju 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta ta' Ramon Anastasi ippresentata fil 21 t' Mejju 2012 fejn laqa' ghal dak mitlub billi eccepixxa s-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok 1-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradditur in kwantu ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn 1-eccipjenti u r-rikorrenti, u ghalhekk 1-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fil-fatt 1-ordnijiet tal-merkanzija kienu jsiru f isem Market Handle Limited lil min giet supplita 1-merkanzija intiza ghax "showroom" tas-socjeta Market Handle Limited f'Birkirkara, liema socjeta fil-fatt ghamlet hlasijiet lir-rikorrenti ghall-istess merkanzija b'cekkijiet taghha;

3. Illi ghalhekk ikun opportun li tigi kjamata fil-kawza s-socjeta Market Handle Limited ma' min ir-rikorrenti kellu relazzjoni legali sabiex tirrispondi hi ghat-talbiet tar-rikorrenti;

4. Illi jsegwi ghalhekk li 1-eccipjenti m'ghandux jigi kundannat ihallas ebda ammont ta' flus lir-rikorrenti;

5. Illi f kull kaz u dejjem bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16;

6. Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fil-konfront tal-esponenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra 1-istess rikorrent stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt,

Rat illi fit 22 ta' Frar 2013 il-Qorti laqghet it-tielet eccezzjoni ta' l-intimat u ordnat il-kjamat in kawza tas-socjeta Market Handle Limited.

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta Market Handle Limited ippresentati fit 2 ta' Lulju 2013 fejn is-socjeta kjamata in kawza laqghet ghat-talbiet attrici billi eccepixxa s-segwenti:

1. Preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-artikoli 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Preliminarjament, il-kumpannija esponenti mhijiet il-legittimu kontrdittur ghat-talbiet attrici billi hija qatt ma kellha relazzjoni guridika ma' l-attur u jidher ukoll illi l-bejgh meritu ta' din il-kawza gie konkluz bejn l-attur u l-konvenut, ghal liema bejgh il-kumpannija esponenti hija ghal kollox estranea;

3. Fil-meritu, il-kumpannija esponenti ma ghandha taghtiu xejn u mhijiex debitrici ta' l-attur;

4. Kwindi, it-talbit attrici fil-konfront tal-kumpannija esponenti ghandhom jigu michuda.

Semghet ix-xhieda ta' **Kenneth Pullicino** moghtija fil 25 ta' Ottubru 2013 u fit 13 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Audrey Ghigo**, rappresentanta tal-HSBC Malta plc., moghtija fid 29 ta' Novembru 2013, fejn esebit cekk mahrug mis-socjeta Market Handle Limited lir-rikorrent datat 20 ta' Ottubru 2010 u fl-import ta' ghaxart elef, sitt mija u disgha u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€10,689.45) u li ma giex onorat mill-Bank fid 29 ta' Ottubru 2010 (fol 88).

Semghet ix-xhieda ta' **Ramon Anastasi**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fid 29 ta' Novembru 2013, fil 5 ta' Mejju 2014 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebiti, fid 9 ta' Gunju 2014, fid 29 ta' Settembru 2014.

Ra illi fid 9 ta' Gunju 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Ra l-affidavit ta' **Donald Micallef**, prodott mis-socjeta kjamata in kawza fit 12 ta' Marzu 2015 u semghet il-kontro ezami tieghu illi sar fl-4 ta' Gunju 2015.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' **Audrey Ghigo**, rappresentanta tal-HSBC Malta plc., prodotta mill-intimat u moghtija fit 12 ta' Novembru 2015, fejn esebit cekk mahrug mis-socjeta Market Handle Limited lir-rikorrent datat 4 ta' Gunju 2010 u fl-import ta' elfejn Euro (€2,000) u li ma giex onorat mill-Bank fid 29 ta' Ottubru 2010 (fol 182).

Rat l-affidavit ta' **Celine Lee Bentley**, rappresentanta tas-socjeta Market Handle Limited, ippresentat fit 3 ta' Gunju 2016, li taghha sar il-kontro ezami fl-14 ta' Lulju 2016.

Rat illi fl-10 ta' Novembru 2016 il-Qorti iddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi bhala maghluqa u ddiferit il-kawza ghas-sottomissjonijiet rikorrenti.

Rat illi fis 16 ta' Jannar 2017 ir-rikorrenti ppresenta s-sottomissjonijet tieghu.

Rat illi fis 16 ta' Marzu 2017 is-socjeta kjamat in kawza ppresentat is-sottomissjonijiet taghha filwaqt illi l-intimat talab aktar zmien sabiex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu.

Rat illi fit 3 ta' April 2017 l-intimat ippresenta s-sottomissjonijet tieghu, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent ghandu hanut bl-isem **Kenneth Hardware Stores**, illi jbiegh materjal ossija "hardware" mehtiega ghax-xoghlijiet ta' installazzjonijiet ta' sistemi ta' dawl u ilma gewwa fondi kif ukoll materjal ancillari mehtieg ghall-tali xoghlijiet.

Jirrizulta illi l-intimat Ramon Anastasi kien klijent tar-rikorrent u kien regolarment jixtri merkanzija minghand l-istess rikorrent, illi taghha kien ihallas regolarment.

Jirrizulta illi, mument minnhom, Ramon Anastasi gie ingaggat mis-socjeta Market Handle Limited sabiex jaghmel ix-xogholijiet kollha ta' dawl u IT networking illi kellha taghmel l-istess socjeta Market Handle Limited bhala rizultat ta' 'refurbishment' illi kienet qieghda taghmel f'ufficini godda illi kienet ghadna kif kriet gewwa Birkirkara.

Jirrizulta illi, in vista ta' dana l-inkariku gdid, l-intimat Ramon Anastasi kien gharraf lir-rikorrent Kenneth Pullicino b'dana il-progett gdid illi kellu, u Pullicino, minn naha tieghu, fetah kont appositu ghax-xoghol relatat mal-progett illi kellu Anastasi ta' Market Handle Limited.

Jirrizulta illi bejn is-26 ta' Marzu 2010 u it-2 ta' Gunju 2010, ir-rikorrent kien ipprovda lill-intimat hafna materjal varju illi l-intimat Ramon Anastasi kien jordna, minn zmien ghal zmien.

Jirrizulta illi hekk kif l-intimat baqa' jordna il-merkanzija izda qatt ma ghamel pagament, ir-rikorrent beda jigri wara l-intimat li, minn naha tieghu, hekk kif ra illi r-rikorrent kien waqaf jissupplixxi l-merkanzija sakemm jithallas ta' dak gia pprovdut, fl-4 ta' Gunju 2006 ghadda cekk lir-rikorrent mahrug minn Market Handle Limited fl-import ta' elfejn Euro (€2,000).

Jirrizulta illi, madanakollu, illi dana c-cekk ma giex onorat mill-HSBC (Malta) plc. (fol 182).

Jirrizulta illi sussegwentement ir-rikorrent baqa' jigri wara l-intimat sabiex jithallas tal-merkanzija illi kien ipprovdilu u, fl-20 ta' Ottubru 2010 reggha inhareg cekk iehor lir-rikorrent mahrug minn Market Handle Limited, liema cekk gie mghoddi mill-intimat lir-rikorrent, u dana kien ghall-import ta' ghaxart elef, sitt mija u disgha u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€10,689.45), ossija t-talba tar-rikorrent fil-kawza odjerna.

Jirrizulta illi, ghal darba ohra, dana c-cekk ma giex onorat mill-HSBC (Malta) plc. (fol 88)

Jirrizulta illi sussegwentement, fil 31 ta' Jannar 2012 ir-rikorrent ippresenta Ittra Ufficjli kontra l-intimat Ramon Anastasi ghall-hlas ta' l-import ta' ghaxart elef, sitt mija u disgha u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€10,689.45) u, sussegwentement, fid 9 ta' Mejju 2012 intavola l-proceduri odjerni fil-konfront ta' l-intimat.

Jirrizulta illi, fit 22 ta' Frar 2013, fuq talba ta' l-intimat, giet kjamata in kawza is-socjeta Market Handle Limited.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza mqajjma kemm mill-intimat kif ukoll mill-kjamat in kawza huwa intrinsikament l-istess u ghalhekk jistghu jigu kkunsidrati lkoll flimkien.

Jirrizulta, di fatti, illi kemm l-intimat Ramon Anastasi, kif ukoll is-socjeta kjamata in kawza Market Handle Limited qieghdin, preliminarjament, jeccepixxu illi huma ma humiex il-legittimu kontradditur u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-Gudizzju.

Apparti tal-difiza, kemm l-intimat kif ukoll il-kjamat in kawza jeccepixxu illi t-talba hija preskritta, u filwaqt li l-intimat jiccita l-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16, il-kjamat in kawza jiccita l-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kap 16.

Ghalhekk, kemm l-intimat u l-kjamat in kawza jinsistu illi huma ma ghandhom jaghtu xejn lir-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel eccezzjoni principali illi ser tikkunsidra l-Qorti hija dik tal-legittimu kontradittur, ossija tal-fatt jekk l-intimat u/jew is-socjeta kjamata in kawza kellhom relazzjoni kuntrattwali mar-rikorrent illi kien ipprovda l-materjal kollu mehtieg ghar-rinovar tal-ufficini tas-socjeta Market Handle Limited gewwa Birkirkara.

Jirrizulta, mill-erbghin invoice esebiti mir-rikorrent, l-invoices kollha, ghajr ghal zewgt invoices, huma kollha iffirmat mill-intimat Ramon Anastasi, fejn huwa dejjem indikat bhala "customer".

Jirrizulta wkoll, mix-xhieda tal-partijiet, illi l-intimat kien gia klijent tar-rikorrent qabel u li kien l-intimat illi gharraf lir-rikorrent illi kien dahallu progett 'kbir' u li ried illi jinxtara il-materjal minghand ir-rikorrent.

Jirrizulta ghalhekk car illi kien hemm relazzjoni kontrattwali konkluza bejn l-intimat u ir-rikorrent sabiex dana ta' l-ahhar jissupplixxi merkanzija lill-intimat halli l-intimat jaghmel l-ufficini tas-socjeta kjamata in kawza u eventwalment jithallsu lir-rikorrent mis-socjeta kjamata in kawza, u ghalhekk id-difiza ta' l-intimat ma tregix.

Ghal dak illi jirrigwarda s-socjeta kjamata in kawza, ghalkemm is-socjeta tinsisti illi hija ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali mar-rikorrent, jirrizulta, madanakollu, illi tali socjeta rrikonoxxiet illi kellha thallas lir-rikorrent ghall-merkazija minnu mixtrija, tant illi fl-4 ta' Gunju 2010 harget cekk ta' elfejn Euro (€2,000) u fl-20 ta' Ottubru harget cekk ta' ghaxart elef, sitt mija u disgha u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€10,689.45), liema zewgt cekkijiet inhargu t-tnejn li huma f'isem ir-rikorrent, izda dawna qatt ma gew onorati mill-HSBC (Malta) plc peress illi ma kienx hemm fondi fil-kontijiet tas-socjeta kjamata in kawza.

Jirrizulta car illi hemm ammissjoni da’ parte tas-socjeta kjamata in kawza illi l-ammont rikjest mir-rikorrent meritu tal-kawza odjerna huwa dovut, u huwa dovut minnha, u ghalhekk id-difiza tas-socjeta kjamata in kawza ma tregix.

**Ikkunsidrat**

It-tieni eccezzjoni principali illi ghandha tikkunsidra l-Qorti hija dik tal-preskrizzjoni, illi kienet imqajjma kemm mill-intimat kif ukoll mis-socjeta kjamata in kawza.

Jirrizulta illi kemm l-intimat u s-socjeta kjamat in kawza jinsistu t-talba ghall-hlas tal-merkanzija mibjugha mir-rikorrent kienet soggetta ghall-periodu preskrittiv ta’ tmintax-il xahar (18), u dana abbazi tal-Arikolu 2148 (a) u (b) illi jipprovdu dan li gej:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*
>
> *(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-hlas illi qieghed jitlob ghalih r-rikorrent, jirrigwarda merkanzija illi huwa biegh mill-hanut tieghu, u ghalhekk certament l-Artikolu 2148 (a) ma jista qatt japplika fil-kaz odjern.

Jirrizulta illi, ghal dak illi jirrigwarda l-eccezzjoni intavolata abbazi ta-Artikolu 2148 (b), ghalkemm jidher car illi t-talba odjerna tinkwadra fid-definizzjoni ta’ azzjoni ta’ kreditur ghall-prezz ta’ merkanzija minnu mibjugha, il-Qorti trid tqies jekk attwalment dak mibjugh mir-rikorrent kienx attwalment merkanzija “mibjugha bl-imnut” jew le, peress illi tali preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar tapplika biss jekk il-bejgh qieghed isir ‘bl-imnut’.

Il-Qorti, f’dana l-istadju, taghmel referenza ghall-kawza Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et deciza fit-28 ta’ Jannar 2010, mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fejn saret is-segwenti distinzjoni bejn ‘bejh bl-imnut’ u kwalsiasi bejgh iehor illi huwa rregolat minn preskrizzjoni differenti.

> *“Il-bejgh bl-imnut huma nkluzi dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta’ konsum ta’ kuljum tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux (Vol.XLV.III.813). Dan ifisser li fil-kaz tal-Art.2148(b) il-ligi taghna thares lejn il-bejgh partikolari in kwistjoni per se mhux lejn il-kwalita’ tal-persuni li jeffettwaw dak il-bejgh u cioe’ jekk humiex abitwalment fil-kummerc jew le (Vol.XLVIII.II.959).*
>
> *Il-ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz ta’ l- gurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Infatti fejn il- prezz reklamat huwa ghal merce destinata biex terga’ tinbiegh jew inkella biex tinhadem f’oggett iehor (Vol.XXIII.I.909) jew fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha fi kwantita’ apprezzabbli, allura dak huwa bejgh bl-ingrossa (“***Borg vs Bonello et noe***

*et” – Appell Civili – 22 ta’ Gunju 1970). Min-naha l- ohra il-bejjiegh bl-imnut vende per lo piu’ a compratori e in piccole quantita’ misurata al bisogno di costoro (Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 u “**Grech vs Spiteri et**” – Appell – 25 ta’ Mejju 2001).”.*

Jirrizulta illi, fil-kaz odjern, abbazi tal-provi kollha prodotti quddiemha, huwa car illi l-merkanzija mibjugha mir-rikorrent Kenneth Pullicino kienet intiza **unikament** sabiex l-intimat Ramon Anastasi jutilizzaha u jaghmel uzu minnha biex jinstalla sistema ta’ dawl u IT networking gewwa l-ufficini tas-socjeta kjamata in kawza, li imbghad l-intimat kien ser jithallas ghal tali installar minghand is-socjeta kjamata in kawza.

Jirrizulta, ghalhekk, illi dina d-difiza mqajjma kemm mill-intimat Ramon Anastasi, kif ukoll mis-socjeta kjamata in kawza, ma tapplikax ghal kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha mressqa quddiemha mill-partijiet kollha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet finali ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimat Ramon Anastasi, ghajr ghat-tielet eccezzjoni illi giet sorvolata mil-kjamat in kawza tas-socjeta Market Handle Limited,

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta kjamat in kawza Market Handle Limited,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat **Ramon Anastasi** u lis-socjeta **Market Handle Limited** in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrent Kenneth Pullicino s-somma ta’ **ghaxart elef, sitt mija u disgha u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€10,689.45)** rappresentanti l-prezz ta’ merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata mir-rikorrent ghal beneficcju kemm ta’ l-intimat u tas-socjeta kjamata in kawza.

Spejjez tal-proceduri odjerni kif mitluba u Imghax mit-2 ta’ Gunju 2010 sad-data tal-pagament effettiv ghandhom ikunu a kariku ta’ l-intimat Ramon Anastasi u s-socjeta Market Handle Limited in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur